# KUNSILL LOKALI TAL-IMQABBA
29, TRIQ IL-PARROĊĊA, L-IMQABBA MQB 1512
TEL: 2168 0622 • FAX: 2168 0606
E-MAIL: mqabba.lc@gov.mt
WEB SITE: www.mqabba.gov.mt /www.lc.gov.mt


Minuti tal-laqgħa numru sebgħa u għoxrin (27) tal-Kunsill Lokali tal-Imqabba (KLM) li nżammet nhar it-Tlieta, 26 ta' Awwissu, 2014, fis-6:20pm, fil-Bini Amministrattiv tal-KLM.

| PREŻENTI: | Nicholas Briffa | Sindku |
|---|---|---|
| | Charlene Zammit | Viċi Sindku |
| | Grace Marie Mallia | Kunsillier |
| | Paul Spiteri | Kunsillier |
| | Anthony Bonello | Segretarju Ezekuttiv |

1. Il-laqgħa bdiet għoxrin minuta tard għaliex fis-6.00pm ma kienx hemm quorum, peress li kienu preżenti is-Sindku u Grace Marie Mallia. Fis-6.20pm meta daħlet Charlene Zammit, bdiet u aktar tard daħal Paul Spiteri.

2. Is-Sindku ippresjeda l-laqgħa u qal it-talba.

3. Michel Farrugia baghat sms lil Paul Spiteri, li daħal aktar tard, fejn qallu li ma kienx jiflaħ u l-KLM skużaħ.

4. Il-minuti tas-seduta numru sitta u għoxrin kienu meħuda bħala moqrija u kienu issekondati minn Grace Marie Mallia u approvati unanimament bil-korrezzjonijiet li xtaqu li jsirulhom il-kunsillieri.

**Punti mill-Minuti**

5. Is-Sindku qal li kważi kull filgħodu il-ħaddiema tal-KLM qed inaddfu u jikinsu s-sit tal-bandli mil-*left overs* tal-ikel ikkunsmat, li qed ikun hemm u inċidentalment mhux qed ilaħħqu jnaddfu l-*litter bins* ta' fuq il-Mentna.

6. Dwar il-każ tal-ħsara fuq *tire* ta' vettura fi Triq il-Parroċċa, il-KLM hu deċiż illi m'għandu jidħol għall-ebda spejjeż għax in-nuqqas kien minn terzi persuni u mhux mill-ħaddiema/kuntratturi tal-KLM.

7. Is-Sindku qal li hu bagħat *reminder* lill-Transport Malta biex dawn jibdew ix-xogħol ta' żebgħa fil-karreġġjata u wkoll iwaħħlu is-sinjali tat-traffiku li llum m'għadhomx hemm fi Triq il-Konvoj ta' Sta Marija.

8. Charlene Zammit qalet li Dun George Schembri iltaqa' mal-Kunsill taż-żgħażagħ fil-preżenza tal-*Youth Worker* tal-proġett taż-żgħażagħ, Antoinette Aquilina. Il-proġett kien intiż biex jiffinanzja r-restawr tal-*Youth Centre*, u tittella' fih wirja ta' arti u kultura. F'termini aktar konkreti, dawn iż-żgħażagħ kienu se jsibu żgħażagħ oħra li jafu jkantaw, jirreċtaw ecc. Madankollu il-proġett kien se joħloq każ ta' deskriminazzjoni fuq bażi ta' reliġjon u kien se jiġrilna bħal ma ġralha t-talba tagħna għall-refużjoni tal-attivita' li tellajna tal-*Imsallab fi Triqatna.* Intant Charlene Zammit qalet li dawn iż-żgħażagh kellhom ikunu preżenti waqt din il-laqgħa biex jipproponu proġett alternattiv u sfortunatament ma setgħux ikunu magħna hawn illejla.

9. Nicholas Briffa qal li għandna nagħmlu manutenzjoni fuq Ġnien Tfal ir-Raħal għaliex it-*teenagers* qed jagħmlu ħerba mill-għamara tat-toroq. Hu qal li għandna ninvestu *f'open gym*, u *railings* biex jiddendlu magħhom u fl-istess ħin ikunu ta' attrazzjoni għaż-żgħażagħ. Intant, se naraw li tibda' tinfetaħ il-*kiosk* ħalli ikunu servuti xi *drinks* u fl-istess ħin tinfetaħ il-latrina pubblika. Nicholas Briffa qal li għandna ninvolvu iż-żgħażagħ li l-aktar jiffrekwentaw il-post, pero' rridu nagħmlu manutenzjoni inizjali aħna minn naħa tal-KLM.

10. Charlene Zammit qalet li l-attivita' taż-żgħażagħ trid tkun materjalizzata sa' Ottubru 2015 u għaldaqstant il-proposta ta' *Christmas Village* mhix se treġi. Għaliha kien hemm ippjanat li jkun hemm dawra fuq it-trenn li ddur mas-siti storiċi tar-raħal u kull ftit ħin tieqaf ħalli l-passiġġieri jkunu jistgħu isibu l-assistenza permezz ta' *leaflets* informattivi.

11. Is-sindku ippropona illi dan il-proġett ikun amalgamat mal-attivita' *Biss bil-Ħila*, u l-Viċi Sindku qalet li hi ma tafx jekk hux possibbli li dan il-proġett ikun parti minn attivita' ta' portata ikbar. Charlene Zammit qalet li hemm ukoll il-possibilita' li wkoll sa dak iż-żmien ma jibqgħux l-istess grupp ta' żgħażagħ fil-Kunsill.

12. Paul Spiteri daħal għal-laqgħa fis-6:50pm, f' dan il-punt tad-diskussjoni, u qal li bħala proġett hu jipproponi illi jsiru ornamenti ġodda tat-toroq fil-Milied. Għaldaqstant se jkun imwassal il-messaġġ lill-istess Kunsill Lokali taż-żgħażagħ sabiex il-proposta tkun ċirkulata lilna permezz ta' *e-mail* ħalli l-KLM ikun jista' jaraha minn qabel.

13. Dwar l-ismijiet ta' Triq il-Friefet u Ġnien Onġi Onġella, għadna qed nistennew risposta u fil-frattemp irċevejna proposta mis-Soċjeta' Mużikali Madonna tal-Ġilju għal żewġ ismijiet ta' toroq ġodda. Is-Sindku qal li biex ikun hemm bilanċ, il-KLM irid jassigura li għal kull triq f'isem każin, trid tissemma oħra f'isem il-proposta ta' każin ieħor, dejjem jekk jinfetħu żewġ toroq ġodda simultanjament.

14. Dwar il-*bill-board* li l-KLM kellu jneħħi minn Triq Valletta, is-SE kien awtorizzat jitlob lill-Mepa li jinġieb il-permess u jitwaħħal għall-attivita' Biss Bil-Ħila mill-ewwel ġimgħa ta' Settembu sal-aħħar ta' Ottubru, 2014.

15. Ma kienx hemm żvilupp dwar id-drenaġġ li kien ħiereġ minn *manholes* fi Triq tas-Sejba, bħalma ma kienx hemm dwar is-siġar li għandna l-permessi biex jinqalgħu minn quddiem iċ-ċimiterju. Intant is-Sindku qal li hemm oħra li wkoll trid tinqala', fil-ġibjun il-miftuħ. Dan ix-xogħol għandu jsir qabel ma dan jerġa' jimtela' bix-xita.

16. Nicholas Briffa qal li l-Perit William Lewis, ma jistax jiċċertifika ix-xogħol tas-soqfa fl-Isptar il-Qadim qabel jara l-BOQ's u jaċċerta ruħu li x-xogħol sar skont is-sengħa.

17. Il-KLM irrapporta lill-*Transport Malta* li hemm diversi nuqqasijiet fil-manutenzjoni li suppost qed jagħmlu *Faces Consultants* fuq il-*bus shelters* fir-raħal tagħna.

18. Il-korsijiet tal-*computer* mill-Awtorita' Maltija tal-Komunikazzjoni, għadhom għaddejjin fl-Isptar il-Qadim u issa fetħu l-applikazzjonijiet tal-*Adult Education* tal-Ministeru tal-Edukazzjoni. Kull min hu interessat jista' wkoll isib assistenza biex napplikawlu mill-uffiċċju tagħna.

19. Is-SE kien imħeġġeġ jibgħat stedina lill-Kumitat Ċentrali tas-Soċjeta' Sta Marija biex il-KLM jagħti *drink* lilhom. Il-KLM ippropona li dan id-*drink* jingħata nhar l-4 ta' Settembru, 2014.

20. Għall-ħarġa ta' Għawdex li se jorganizza l-KLM nhar it-3 ta' Settembru, Grace Marie Mallia tat aktar dettalji dwar il-mawra proposta. Hawn ingħad illi se jkun hemm spazju għal xarabank u vann pero', min irid jattendi bil-vettura tiegħu, se jkun jista' jagħmel dan, għaliex spazju fir-ristorant hemm kemm trid.

21. Is-Sindku kompla jagħti dettalji dwar l-Intervista li ta fil-programm ta' Marisa D'Amato nhar is-7 Awissu fil-programm *Sajf.*

22. Il-KLM se jkun qed iħallas għas-*supply box* biex jixgħel Ġnien il-Ġibjun propju biex tiddawwal l-istatwa tal-Madonna tal-Ġilju tas-Soċjeta' Mużikali Madonna tal-Ġilju. Is-Sindku qal illi fil-każ tal-istatwa ta' Sta Marija li hemm fuq il-Mentna, il-ħaddiema qabbdu mas-*supply* ezistenti tal-ġnien tal-Kunsill.

23. Kien konkluż ix-xogħol fejn kienu devjati l-*aerial electric lines* fi Triq il-Karmnu biex jidħol il-gwarniċun tas-Soċjeta' Santa Marija. Dan ix-xogħol sar kantuniera mal-Pjazza tal-Knisja u parti sostanzjali mill-ispiża kienet sostnuta mill-KLM.

24. Is-SE talab uffiċjalment sabiex jingħatawlna ir-riżultati tal-*air monitoring* li sar permezz tal-MEPA, permezz ta' vann li tpoġġa għal xahar sħiħ wara l-iskola primarja.

25. Paul Spiteri qal li hu tkellem mas-sid tal-gym *Ultimate Fisique* u dan qal li se jinvolvi ruħu fil-*Move Week* billi jixtieq jieħu sehem permezz ta' *Open Day* tal-*gym* tiegħu stess.

26. Is-Sindku dwar ix-xogħlijiet proposti fuq il-bankini fi Triq Valletta qal li x-xogħolijiet se nagħtu bidu għalihom meta nkunu f'pożizzjoni finanzjarja aktar soda. Dwar dan Paul Spiteri ippropona biex f'diversi postijiet jitpoġġew *bollards* u ma ssirx il-bankina, filwaqt li s-SE qal li mhux possibbli li ssir bankina f'parti minn Triq Valletta, għaliex hemm remissa li l-bieb tagħha jinfetaħ 'il barra u din tagħti għat-triq. Biex jibqa' għalhekk jinfetħilha l-bieb, irid jinqata' l-għoli tal-bankina proposta. Is-Sindku qal li per eżempju l-bankina ta' Triq Karmenu Ciantar, trid issir bl-*imprint* li hu aktar għoli bħala stima minn dak sempliċiment bil-konkos, filwaqt li l-manutenzjoni tal-bankini se nippruvaw nagħmluhom bin-nies tagħna.

27. Paul Spiteri, issottometta xi kontijiet tal-manutenzjoni tal-*Imqabba Football Nursery* lis-Sindku, waqt din il-laqgħa.

**Agenda**

28. Nicholas Briffa qal li dwar l-andament tal-festa ta' Sta Marija, bħala KLM, tajna sehemna u kien hemm affarijiet li din is-sena involvejna ruħna aktar fihom. Hawn Grace Marie Mallia qalet li kien hemm diżgwit fuq il-*bus stops,* u hi pproponiet li għandna nitkellmu mas-Soċjeta' ħalli fil-festi future ningħataw id-dati eżatti biex nevitaw il-problemi. Is-SE qal li f'daqqa waħda tfaċċat rota taġ-ġiġġifogu fi Triq il-Madonna tal-Ġilju u għaldaqstant kellu jkun iddevjat it-trasport pubbliku għall-by-pass. Is-Sindku qal li s-servizz tal-gwardjani lokali, dak tat-tindif tat-toroq, tal-latrina pubblika u dak tal-ambulanza kien eċċezzjonali.

29. Kien diskuss il-ftuħ tal-ġnien *Onġi Onġella,* nhar id-19 ta' Settembru, fis-7.00pm. Hawn is-Sindku qal li qed isir xogħol intensiv fuq l-istruttura tad-dħul tal-ġnien. Nicholas Briffa ta kopja emendata tal-lista tal-inviti li kien bagħat is-SE lill-kunsillieri permezz ta' *e-mail*.

30. Dwar il-kanzunetta *Onġi Onġella*, is-Sindku qal li din se titkanta mit-tfal ta' Skola Sajf u l-ġnien se jinfetaħ mis-Sindku, u żewġt itfal. Madankollu Grace Marie Mallia issuġġeriet li għandu jkun hemm tifel/tifla b'diżabilita' biex nuru l-aċċessibilita' li fih il-ġnien. Fuq it-tabella tal-ftuħ se jkun hemm id-dettalji kemm tas-Sindku, li se jkun fil-preżenza tas-Segretarju Parlamentari, Onor Stefan Buontempo MP. Angie Casha kienet se tkun avviċinata biex tippreżenta, iżda intqal illi m'hemmx għalfejn noqgħodu naqilgħuha għaliex m'hemmx xi *running order* twila li hija diffiċli biex tkun maniġġabbli. Is-Sindku issuġġerixxa illi l-*Greenpak Co-op* għandhom jipprovdu pupazz u jingħataw iċ-ċans li jqassmu materjal edukattiv, kif ukoll ippropona li jsir *show* tat-tfal bil-*puppets.* Is-SE kien mitlub sabiex javviċina l-*Greenpak Co-op* dwar dan u wkoll jistieden lill-Kappillan ħalli jbierek il-ġnien f'dan il-jum.

31. Charlene Zammit tkellmet dwar l-applikazzjoni għall-*European Voluntary Service*. Hija qalet li għandna nagħtu l-opportunita' lill-għaxar żagħżagħ jipparteċipaw ma għaqda fl-Italja. Dwar dan is-Sindku qal li l-ewwel irridu innaddfu ir-raħal tagħna.

32. Is-Sindku ippropona tibdil fir-regolamenti għall-unur *Ġieħ l-Imqabba 2014*, permezz ta' riżoluzzjoni iffirmata minnu u li kienet issekondata minn Grace Marie Mallia biex tibdel/iżżid items 1, 4a u 4c tar-regolamenti. Permezz ta' dawn l-emendi se jkun possibbli li jingħata dan il-mertu lil kantanta Federica Falzon, li għandha niesha mill-Imqabba u li għamlet unur lill-pajjiżna. Paul Spiteri wkoll kellu xi tibdil f'*item* 14, dwar kunsillier li jkun serva aktar minn għaxar snin fil-KLM sabiex jikkwalifika biex jieħu Ġieh l-Imqabba u mhux biss l-unur tal-mertu. Kien hemm qbil unanimu dwar dawn l-emendi fir-regoli li se jakkumpanjaw l-applikazzjonijiet ta' din is-sena.

33. Paul Spiteri telaq mil-laqgħa f'dan il-punt fit-8:10pm.

34. Kienet approvata payment approval sheet numru 485.

**F'punti oħra**

35. Grace Marie Mallia insistiet illi għandna ninsistu mal-pubbliku li dawn joħorġu biss 3 *items* biex jinġabrulhom b'xejn mas-servizz tal-ġbir tal-iskart goff.

36. Grace Marie Mallia talbet illi jintefa' l-valenu tal-ġrieden fejn il-ġibjun il-miftuħ, fi Triq il-Parroċċa, kif ukoll fi Triq Ħal Kirkop.

37. Grace Marie Mallia ipproponiet ħarġa oħra għal Sqallija li se tqum circa €105 għal dawk li se jattendu biex imorru fl-1 ta' Novembru għall-*Fiera dei morti*. Hija qalet li se tagħti aktar dettalji fil-laqgħat tal-KLM li ġejjin.

38. Charlene Zammit insistiet li tinqala' t-tabella tal-*Cul de Sac* fi Triq Triq Ġanni Darmanin ġaladarba din it-triq issa nfetħet.

39. Charlene Zammiet staqsiet lis-SE għaliex ma poġġiex is-suġġeriment (mhux mozzjoni) tagħha fuq l-*agenda* dwar il-bżonn tat-tindif tal-ġibjun il-miftuħ. Dwar dan, resident kiteb fuq il-paġni ta' *Facebook*. Is-SE qal li hu tkellem mas-Sindku dwar dan, u l-każ kien eżawrit fuq it-telefon ma Charlene Zammit stess. Is-SE qal li fuq il-ġibjun ma jista jsir xejn aktar mill-KLM, minħabba li proġett kapitali bħal dan jitlob fondi kbar biex cioe' jissaqqaf u jinbena' ċentru ċiviku. Intant is-Sindku qal li applikajna għal bini ta' ġibjun addizzjonali fi Triq Ġanni Darmanin biex isostni l-ħażna tal-ilma tax-xita li żdied fit-toroq ma' dak eżistenti.

40. Il-laqgħa ntemmet fit-8:40pm u dik li jmiss se ssir nhar is-16 ta' Settembru fl-istess ħin.

| | | | |
|---|---|---|---|
| *Magħmula minn* | **Anthony Bonello**<br>**Segretarju Eżekuttiv** | *u approvati llum*<br>*16/09/2014 minn:* | **Nicholas Briffa**<br>**Sindku** |